PREMJU 'ĠIEĦ IX-XAGĦRA'

REGOLAMENTI

1. **Premju 'Ġieħ ix-Xagħra' huwa mniedi mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jirringrazzja u jinkoraġġixxi individwi li qed jagħtu ġieħ u jagħmlu unur lix-Xagħra bil-ħidma tagħhom.**

2. **Kull Persuna tista' tiġi nominata għal dan il-Premju. Jistgħu jiġu nominati wkoll persuni li ma jkunux ċittadini Maltin jew residenti fix-Xagħra.**

3. **Ma jistgħux jiġu nominati persuni mejtin. Dan isir mhux b'nuqqas ta' rispett lejn il-memorja tagħhom jew lejn il-ħidma tagħhom iżda b'konformita' ma' regolament numru 10 imniżżel aktar 'l isfel.**

4. **M'huwiex biżżejjed illi l-persuna tkun qdiet dmirha b'onesta' u effiċjenża. Il-persuna trid tiġi nominata a bażi ta' waħda jew aktar minn dawn il-kriterji: inizjattiva jew kreattivita' f'xi ħidma filantropika u/jew volontarja ta' natura kulturali, edukattiva, artistika jew soċjali li biha tkun tat ġieħ lix-Xagħra.**

5. **Ċentri, klabbs, każini jew għaqdiet oħra kostitwiti jistgħu jinnominaw persuna/i għal dan il-Premju. Kull resident tax-Xagħra jista' wkoll jissottometti nominazzjonijiet għal dan il-premju. L-applikazzjonijiet għan-nominazzjonijiet jiġu mħabbra permezz ta' Ċirkulari li għandha tintbagħat lill-għaqdiet u b'avviżi oħra li l-Kunsill jidhirlu xieraq.**

6. **Kull min jissottometti nominazzjoni jrid jagħti l-partikularitajiet tiegħu u jiffirma l-istess applikazzjoni. F'każ li nominazzjoni tiġi sottomessa minn xi għaqda jew soċjeta' partikulari din trid tiġi iffirmata mill-persuni awtorizzati li jaġixxu għan-nom ta' dik l-għaqda, preferibilment mill-President u s-Segretarju flimkien.**

7. **Kull nominazzjoni għandha ssir bir-reqqa kollha fuq il-formola preskritta annessa ma' dawn ir-regolamenti li tista' tinkiseb mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Kull nominazzjoni trid tinkludi d-dettalji li a bażi tagħhom l-individwu/i qed ikun/u nominati għal dan il-Premju.**

8. **Persuna jew grupp ta' persuni jistgħu jinnominaw aktar minn persuna waħda/grupp ta' persuni għal dan il-Premju sakemm kull**

nominazzjoni tintbagħat fuq formola separata f'envelopp separat u f'kull każ l-envelop għandu jkun magħluq u indirizzat lis-Segretarju Eżekuttiv, Kunsill Lokali Xaghra sa mhux aktar tard mid-data tal-għeluq u l-ħin kif avżat mill-Kunsill.

9. **Persuna nominata għal dan il-Premju tista' terġa tiġi nominata fi snin sussegwenti.**

10. **Il-Premju 'Ġieħ ix-Xagħra' jiġi mniedi darba fis-sena f'data, ħin u lok iffissati mill-Kunsill. Il-persuna li tkun ġiet magħżula mill-Kunsill biex tirċievi dan il-premju trid tattendi <u>personalment</u> biex tirċievi dan l-unur waqt l-istess ċerimonja. <u>Ma jistax jintbagħat rappreżentant biex jirċievi l-unur 'Ġieħ ix-Xagħra' għan-nom tal-persuna li tkun ġiet magħżula mill-Kunsill</u>.**

11. **In-Nominazzjonijiet jiġu milqugħa f'dawk id-dati li jiġu determinati mill-Kunsill Lokali minn sena għal sena.**

12. **In-Nominazzjonijiet u l-għoti ta' dan il-Premju m'għandhomx jieħdu xejra politika jew partiġġjana. Kull nominazzjoni li tkun motivata minn dawn ix-xejriet tiġi awtomatikament rifjutata.**

13. **L-għażla finali tal-persuna għall-għoti tal-Premju għandha tittieħed mill-Kunsill Lokali waqt laqgħa tal-Kunsill wara li jeżamina l-applikazzjonijiet li jidħlulu.**

14. **Il-Kunsill Lokali jirriserva d-dritt li jirtira l-Premju, sakemm jingħata premju ieħor, kemm-il darba wara tħabbira tal-premju jirriżulta li l-konsiderazzjonijiet li waslulu u li fuqhom tkun saret il-għażla jkun fihom xi qerq.**

15. **Din is-sena, iċ-ċerimonja li matulha ser jingħata dan il-Premju lill-persuna li tkun ġiet magħżula mill-Kunsill ser tinżamm nhar il-Ġimgħa 28 ta' April 2017 fit-8.00pm fis-Sala 'Dun Alwiġ Camilleri' fil-Każin tas-Soċjeta' Filarmonika *Victory*.**

PREMJU ĠIEĦ IX-XAGĦRA

Applikazzjoni: Nominazzjoni għall-Premju 'Ġieħ ix-Xagħra 2017'

Data u ħin ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni: Il-Ġimgħa 10 ta' Marzu fl-4.00pm

Jiena _____ (Numru tal-Karta ta' l-Identita) _____ li noqgħod _____ numru tat-telefon _____ nixtieq ninnomina lil _____ li joqgħod/toqgħod _____ (Numru tal-Karta ta' l-identita) _____ għall-Premju 'Ġieħ ix-Xagħra' u dan fuq il-kriterji li ġejjin:

_____
_____
_____
_____
_____
_____
_____
_____
_____
_____
_____
_____.

(Jekk tuża aktar mill-ispażju provdut indika hawnhekk in-numru ta' paġni annessi) _____ paġni.

Jiena niddikjara li qrajt ir-regolamenti li hemm annessi mal-Premju 'Ġieħ ix-Xagħra' imniedi mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra.

_____(firma tal-proponent)

Jiena niddikjara li qed naċċetta din in-nomina u ser nattendi personalment għall-preżentazzjoni tal-unur 'Ġieħ ix-Xagħra' f'każ li niġi magħżul għal dan il-premju imniedi mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra.

_____ (firma ta' min qed jiġi nominat)